

# Winter Wonderland

## Bavarian Alps with a touch of Austria

**29 ta' Diċembru 2024 - 04 ta' Jannar 2025** — **7 t'ijiem**

**Inżuru:** Munich, Neuschwanstein Castle, Salzburg, Zugspitze, Rosenheim, Ettal...

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

**Validu sas-6 ta' Sett**

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1065 | €1015 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1075 | €1025 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1240 | €1190 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €950 | €900 |
| New Year's Eve Dinner Party | | POR |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Munich
- 20Kgs bagalja + hand luggage
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli Hotel Wallis – City Centre 3 star
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal -ajruport u City tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Il-Ħadd 29 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fis-07:00 għal-check in għall-flight KM306 li titlaq 09:00 u tasal **Munich** fil-11:30. Transfer bil- kowċ lejn l-Olympic Village fejn naraw l-iStadju Olimpiku u nkunu nistgħu nitilgħu bil-lift (extra) biex naraw veduti uniċi. Wara nkomplu fi triq tagħna lejn il hotel li qedgħa fiċ-ċentru ta' Munich 'Hotel Wallis' 3 stars. Check in u ħarga mal-leader biex naraw il-pjazza ċentrali Marianplatz, iddominata mill-koppli ta' Frauenkirche, knisja tas-seklu ħmistax. Naraw il-famuż arloġġ Glockenspiel mall-faċċata ta' Neues Rathaus li jinsab fl-istess pjazza. Ma tonqosx dawra sabiħa mal-Christmas Markets li Munich hi magħrufa għalihom.

**It-Tnejn 30 ta' Diċembru**
Eskursjoni mimlija storja, flimkien inżuru l-belt famuża ta' **Salzburg**. Kif jaf kulħadd din il-belt mhux biss hija belt storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali Sound of Music. Għalhekk naraw il-katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d- dar ta' Mozart. Immorru anke fil-kapital Square minn fejn nistgħu nieħdu l-funikular (ħlas extra) għall-fortizza ta' Hohensalzburg. Wara jkollna ħin liberu biex tgawdu din il-belt sabiħa fejn ikun hawn atmosfera festiva u 'Christmas Markets'. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

**It-Tlieta 31 ta' Diċembru**
Breakfast u wara ikollna ġurnata libera biex tkomplu taraw din il-belt hekk sabiħa u tgawdu l-atmosfera festiva li jkun hawn. Filgħaxija flimkien tistgħu tmorru sal-pjazza principali fejn ikun hawn għadd ta' attivitajiet biex tibdew il-bidu tas-sena l-ġdida jew tistgħu tattendu għad-Dinner Dance għal atmosfera brijjuża (optional)- Staqsi għal aktar informazzjoni.

**L-Erbgħa 01 ta' Jannar 2025.**
**Is-Sena t-Tajba!!**
Gawdi magħna l-ġmiel tal-**Alpi Bavarjani** fejn illum se mmorru fuq il- muntanja **Zugspitze** li hi l-għola waħda fil- Ġermanja (9788 pied) minn **Eibsee** naqbdu l-cable car (extra) li jwassalna fil-quċċata tal-muntanja, minn hemm inkunu nistgħu ngawdu xenarju mill-aktar spettakolari tal-alpi Bavarjani. Wara li ngawdu dak li taf toffri natura nerġgħu ninżlu u nibqgħu sejrin lejn **Ettal** fejn inżuru l-famuż monasteru tal- Benedittini u jkollkom ħin għax xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel.

**Il-Ħamis 02 ta' Jannar 2025**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn niskopru l-ġmiel ta' **Neuschwanstein Castl**e, il-kastell ta' Re Ludwig li hu mibni fuq stil neo romanesk u li hu ta' fama mondjali. Immorru wkoll fuq **Marian Bridge** mnejn nistgħu nieħdu r-ritratti tal-kastell. Inżuru wkoll ' **Hohenschwangau Castle'** u jkollna l-opportunita' li nidħlu u ngawdu l-ġmiel li joffri dan il-kastell (entratura extra). Wara nżuru l-villaġġ ta' **Fussen**, riżort ta' btala u spa popolari mmens,li nsibuh ukoll fil- foothills tal- Alpi. Ħawn nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku.

**Il-Ġimgħa 03 ta' Jannar**
Breakfast u ġurnata libera biex tkomplu tgawdu din il belt meraviljuza, waqt li jkollkhom l-opportunita li tgawdi mill-'January Sales' mill ħafna ħwienet sbieħ ta' Munich

**Is-Sibt 04 ta'Jannar**
Breakfast u tluq lejn il-belt sabiħa ta' **Rosenheim** - belt fil-Bavaria, l-Ġermanja. Mal-wasla tagħna f'din il-belt ikollna dawra maċ-centru tal-belt biex naraw l-aktar postijiet ta' nteress bħal Max Josef Platz, Kirche St Nikolaus, Ludwigplatz, The Cathedral ecc. Wara jkolla ħin liberu għal personal sightseeing. Transfer lejn l-ajruport ta' Munich għat- titjira KM309 li titlaq fis-19:00 u tasal lura Malta fid-21:20.

